II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/653

tal-20 ta' April 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata bid-dokument C(2021) 2587)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE [1], u b'mod partikulari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw annimali u prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva, jissottomettu pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Jenħtieġ li l-pjanijiet jinkludu mill-inqas il-gruppi ta' residwi u s-sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [2] tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi fir-rigward tal-annimali u l-prodotti tal-annimali speċifikati elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ("il-lista").

(3) L-Albanija ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Peress li dak il-pjan ma jkoprix il-krustaċji, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(4) Il-Bożnija-Ħerzegovina ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-krustaċji. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(5) Il-Gżejjer Falkland ssottomettew pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-krustaċji u pjan għar-ruminanti żgħar, li jkopri biss l-annimali ovini. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura u l-approvazzjoni għar-ruminanti żgħar tkun limitata għall-annimali ovini.

(6) Il-Gżejjer Faroe ssottomettew pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-krustaċji. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

[1] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(7) Il-Gwatemala ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(8) L-Iran issottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(9) Il-Kirgiżistan huwa attwalment inkluż fil-lista ta' approvazzjoni għall-għasel. Dak il-pajjiż terz issottometta pjan għall-għasel lill-Kummissjoni li ma jipprovdix biżżejjed garanziji. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata tal-Kirgiżistan fir-rigward tal-għasel titneħħa mil-lista.

(10) Il-Moldova ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-krustaċji, u pjan għall-ħalib. Il-pjan għall-ħalib jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura, u jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għall-Moldova fil-lista, għall-ħalib.

(11) Il-Montenegro ssottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-krustaċji u pjan għar-ruminanti żgħar, li jkopri biss l-annimali ovini. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura u l-approvazzjoni għar-ruminanti żgħar tkun limitata għall-annimali ovini.

(12) Il-Marokk issottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-krustaċji. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(13) Il-Mozambique ssottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(14) In-Namibja ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni għall-kaċċa salvaġġa u għar-ruminanti żgħar, li jkopri biss l-annimali ovini. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għan-Namibja għall-kaċċa salvaġġa u għall-annimali ovini. Madankollu, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li l-approvazzjoni għar-ruminanti żgħar hija limitata għall-annimali ovini.

(15) In-Nikaragwa ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni, li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(16) In-Niġerja ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għan-Niġerja, bi speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen.

(17) New Caledonia ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(18) L-Oman issottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni li ma jkoprix il-krustaċji. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għall-Oman, bi speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji.

(19) It-Tajwan issottometta pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għat-Tajwan għall-bajd.

(20) It-Tanżanija ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni li ma jkoprix il-ħut bil-pinen. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-ħut bil-pinen mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(21) It-Togo ssottometta pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għalhekk jenħtieġ li fil-lista tiġi inkluża entrata għat-Togo għall-għasel.

(22) It-Tuneżija ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni li ma jkoprix il-krustaċji. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(23) L-Ukrajna ssottomettiet pjan għall-akkwakultura lill-Kummissjoni li ma jkoprix il-krustaċji. Għalhekk, jenħtieġ li mal-lista tiżdied speċifikazzjoni li teskludi l-krustaċji mill-approvazzjoni għall-akkwakultura.

(24) Filwaqt li l-Kolombja ma pprovdietx pjan għall-bajd lill-Kummissjoni, dak il-pajjiż pprovda garanziji fir-rigward tal-bajd u tal-prodotti tal-bajd li joriġinaw jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi, li huma approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li mal-lista tiżdied entrata għall-Kolombja fir-rigward tal-bajd, bin-nota f'qiegħ il-paġna xierqa.

(25) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/163/UE tiġi emendata skont dan.

(26) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Kodiċi ISO2	Pajjiż [1]	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel
AD	Andorra	X	X	X [3]	X								X
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X [3]	X [13]					
AL	L-Albanija		X				X [8]		X				
AM	L-Armenja						X						X
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X [8]	X	X				X
BD	Il-Bangladesh						X						
BF	Il-Burkina Faso												X
BJ	Il-Benin												X
BN	Il-Brunei						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X											
BY	Il-Belarussja				X [2]		X	X	X				X
BZ	Il-Belize						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Iżvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X	X		X	X	X			X		X
CM	Il-Kamerun												X
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X
CO	Il-Kolombja						X	X	X [3]				
CR	Il-Costa Rica						X						
CU	Kuba						X						X

Kodiċi ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel
DO	Ir-Repubblika Dominicana												X
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X (12)				X (8)						
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X (8)						
GB	Il-Gran Brittanja	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
GE	Il-Georgia												X
GG	Guernsey	X						X					
GH	Il-Ghana												X
GL	Greenland		X									X	
GT	Il-Gwatemala						X (10)						X
HN	Il-Honduras						X						
ID	L-Indoneżja						X						
IL	Iżrael (6)					X	X	X	X				X
IM	Isle of Man	X	X	X			X	X					X
IN	L-Indja						X		X				X
IR	L-Iran						X (10)						
JE	Jersey	X						X					
JM	Il-Ġamajka												X
JP	Il-Ġappun	X		X		X	X	X	X				
KE	Il-Kenja						X						
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X						
LK	Is-Sri Lanka						X						
MA	Il-Marokk					X	X (8)						

Kodiċi ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel
MD	Il-Moldova					X	X (8)	X	X				X
ME	Il-Montenegro	X	X (12)	X		X	X (8)	X	X				X
MG	Madagascar						X						X
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X	X	X		X		X
MM	Il-Myanmar						X						X
MU	Mauritius						X						X (3)
MX	Il-Messiku						X		X				X
MY	Il-Malasja					X (3)	X						
MZ	Il-Mozambique						X (10)						
NA	In-Namibja	X	X (12)								X		
NC	New Caledonia						X (10)					X	X
NI	In-Nikaragwa						X (10)						X
NG	In-Niġerja						X (10)						
NZ	New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
OM	L-Oman						X (8)						
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù						X						
PH	Il-Filippini						X						
PM	Saint Pierre u Miquelon					X							
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbja (4)	X	X	X	X (2)	X	X	X	X		X		X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X		X	X			X (5)	X

Kodiċi ISO2	Pajjiż [1]	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwa-kultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrob-bija	Għasel
RW	Ir-Rwanda												X
SA	L-Arabja Sawdija						X						
SG	Singapore	X [3]	X [3]	X [3]	X [7]	X [3]	X	X [3]			X [7]	X [7]	
SL	Sierra Leone												X
SM	San Marino	X		X [3]				X					X
SV	El Salvador												X
SZ	L-Eswatini	X											
TG	It-Togo												X
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tuneżija						X [8]				X		
TR	It-Turkija					X	X	X	X				X
TW	It-Tajwan						X		X				X
TZ	It-Tanzanija						X [10]						X
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X [8]	X	X	X			X
UG	L-Uganda						X						X
US	L-Istati Uniti	X	X [11]	X		X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X			X		X
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						X
XK	Il-Kosovo					X [3]							
ZA	L-Afrika t'Isfel										X	X [9]	
ZM	Iż-Żambja												X"

[1] Din it-tabella fiha l-lista ta' pajjiżi u territorji. Mhijiex limitata għall-pajjiżi rikonoxxuti mill-UE.
[2] L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għall-qatla (annimali li jipproduċu l-ikel biss).
[3] Il-pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li jkunu approvati għall-importazzjonijiet ta' din il-materja prima lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2.

(4) Il-Kosovo mhux inkluż (dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo).
(5) Iċ-ċriev biss.
(6) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li ilhom taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(7) Għall-prodotti bażiċi ta' laħam frisk li joriġinaw minn New Zealand biss, li jkunu destinati għall-Unjoni, u li jinħattu u jitgħabbew mill-ġdid u jgħaddu minn Singapore, kemm jekk jinħażnu hemm, kif ukoll jekk le.
(8) Esklużi l-krustaċji..
(9) Ir-ratiti biss.
(10) Esklużi l-ħut bil-pinen.
(11) L-ispeċi kaprini biss.
(12) L-ispeċi ovini biss.
(13) Il-ħalib tal-ġemel biss.